

31995D0168

16.5.1995

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 109/44

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' Mejju 1995

**li tistabbilixxi, rigward il-salmonella, garanziji addizzjonali għall-kunsinni lejn il-Finlandja u l-Isvezja ta' ċerti tipi ta' bajd maħsuba għall-konsum tal-bniedem**

(95/168/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li tippreskrivi l-ħtiġijiet għas-saħħa ta' l-annimali u s-saħħa pubblika li jirregolaw il-kummerċ fi, u l-importazzjonijiet lejn, il-Komunità ta' prodotti li mhumiex suġġetti għall-ħtiġijiet imsemmija preskritti fir-regoli speċifiċi tal-Komunità imsemmijin f'Anness A (I) tad-Direttiva 89/662/KEE u, dwar il-patoġeni, tad-Direttiva 90/425/KEE <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendata bl-Att ta' Adeżjoni tal-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u partikolarment Anness II, Kapitolu 2, l-ewwel inċiż;

Billi bid-Deċiżjonijiet 94/968/KE <sup>(2)</sup> u 95/50/KE <sup>(3)</sup>, il-Kummissjoni approvat il-programmi ta' operazzjonijiet għall-kontroll tas-salmonella ppreżentati mill-Finlandja u mill-Isvezja; billi dawn il-programmi fihom miżuri speċifiċi għall-bajd tat-tiġieġ li jbidu maħsuba għall-konsum dirett tal-bniedem;

Billi l-Finlandja ntrabtet li ċentri tal-ippakkjar se jaċċettaw biss dak il-bajd li joriġina minn qtajja ta' tiġieġ li jbidu suġġetti għal kontrolli regolari għas-salmonella; billi l-Isvezja provdietet għall-kontrolli tas-salmonella fuq il-qtajja kollha tat-tiġieġ li jbidu li l-bajd tagħhom jitqegħdu fis-suq;

Billi garanziji addizzjonali ekwivalenti għal dawk li l-Finlandja u l-Isvezja jimplimentaw taħt il-programmi ta' operazzjonijiet tagħhom għandhom ikunu stabbiliti;

Billi ċentri ta' l-ippakkjar għandhom għalhekk jipprovdu garanzija li l-bajd maħsub għall-Finlandja u għall-Isvezja joriġina minn qatgħat ta' tiġieġ li jbidu li kienu suġġetti għal test mikrobijoloġiku bit-teħid ta' kampjuni;

Billi r-regoli li jirrelataw għal testijiet mikrobijologiki bħal dawn bit-teħid ta' kampjuni għandhom jitħejjew u jippreskrivu l-metodu tat-teħid ta' kampjuni, in-numru ta' kampjuni li għandhom jittieħdu u l-metodu bijoloġiku li għandu jintuża biex ikunu eżaminati l-kampjuni;

Billi għandu jitqies ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1907/90 tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar ċerti standards ta' *marketing* tal-bajd <sup>(4)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3117/94 <sup>(5)</sup>, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1274/91 tal-15 ta' Mejju 1991 li jdaħħal regoli dettaljati sabiex jiġi implimentat ir-Regolament (KEE) Nru 1907/90 dwar ċerti standardsta' *marketing* għall-bajd <sup>(6)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3239/94 <sup>(7)</sup>, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/371/KE ta' l-20 ta' Ġunju 1994 li tippreskrivi kondizzjonijiet speċifiċi tas-saħħa pubblika għat-tqegħid fis-suq ta' ċerti tipi ta' bajd <sup>(8)</sup>;

Billi l-Finlandja u l-Isvezja jridu japplikaw il-ħtiġijiet ta' l-importazzjoni għall-kunsinni li joriġinaw minn pajjiżi terzi mill-anqas stretti daqs dawk preskritti f'din id-Deċiżjoni;

<sup>(1)</sup> ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 49

<sup>(2)</sup> ĠU L 371, tal-31.12.1994, p. 36

<sup>(3)</sup> ĠU L 53, tad-9.3.1995, p. 31

<sup>(4)</sup> ĠU L 173, tas-6.7.1990, p. 5

<sup>(5)</sup> ĠU L 330, tal-21.12.1994, p. 4

<sup>(6)</sup> ĠU L 121, tal-15.5.1991, p. 11

<sup>(7)</sup> ĠU L 338, tat-28.12.1994, p. 48

<sup>(8)</sup> ĠU L 168, tat-2.7.1994, p. 34.

Billi l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

1. Għall-iskopijiet ta' din id-Deċiżjoni, id-definizzjonijiet mogħtija fir-Regolamenti (KEE) Nru 1907/90 u (KEE) Nru 1274/91 għandhom jgħoddu.

2. Madankolli, għall-iskopijiet ta' din id-Deċiżjoni, "bajd" tfisser bajd tat-tiġieġ maħsuba għall-konsum tal-bniedem u li jaqgħu taħt il-kategoriji li ġejjin:

— Bajd Grad "A",

— Bajd Grad "B".

3. Din id-Deċiżjoni ma tgħoddx għall-bajd li huma maħsuba għall-produzzjoni tal-prodotti tal-bajd jew kunsenjati lill-impriżi tal-industrija ta' l-ikel approvati skond id-Direttiva tal-Kunsill 89/437/KEE <sup>(1)</sup>, sakemm il-pakketti li qegħdin fihom huma mmarkati biċ-ċar biex juru dik id-destinazzjoni.

#### Artikolu 2

1. Iċ-ċentri ta' l-ippakkjar għandhom għalhekk jipprovdu garanzija li bajd maħsub għall-Finlandja u għall-Isvezja joriġina

minn qtajja' ta' tiġieġ li jbidu li kienu suġġettati għal test mikrobijoloġiku bit-teħid ta' kampjuni li sar skond id-dispożizzjonijiet preskritti f'Anness I.

2. Għall-iskopijiet tal-garanzija msemmija fil-paragrafu 1, il-bajd irid ikun akkumpanjat b'ċertifikat kif preskritti f'Anness II.

#### Artikolu 3

Il-garanziji addizzjonali previsti f'din id-Deċiżjoni ma jgħoddux għal bajd li joriġina fi stabbiliment suġġett għal programm rikonoxxut, skond il-proċedura preskritta f'Artikolu 18 tad-Direttiva 92/118/KEE, bħala ekwivalenti għal daww implimentati mill-Finlandja u mill-Isvezja.

#### Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tkun riveduta qabel il-31 ta' Diċembru 1996. Ir-reviżjoni tkun bażata fuq rapport, imħejji mill-Finlandja u mill-Isvezja, fuq l-esperjenza miksuba, li għandu jkun ippreżentat qabel it-30 ta' Settembru 1996.

#### Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-8 ta' Mejju 1995.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 212, tat-22.7.1989, p. 87

## ANNEX I

**1. Teħid ta' kampjuni**

Fil-każ ta' tiġieġ imkabbra fuq passiġġieri jew fil-beraħ, kampjuni komposti tal-feċi, kull kampjun jikkonsisti f'kampjuni separati ta' feċi frisk, kull wieħed jiżen mill-anqas gramma, għandhom jittieħdu saltwarjament min numru ta' postijiet fil-bini fejn jinżammu t-tiġieġ jew, fejn tiġieġ bħal dawn għandhom aċċess liberu għal aktar minn bini wieħed ġo farm partikolari, dawn il-kampjuni għandhom jittieħdu minn kull grupp ta' bini tal-farm fejn jinżammu t-tiġieġ.

Fil-każ tat-tiġieġ li jbidu fil-gaġeġ, dawn il-kampjuni għandhom jittieħdu mill-barraxa jew mill-wiċċ tat-twaqqiġ mill-ħofra.

**2. In-numru ta' kampjuni li għandhom jittieħdu**

In-numru ta' kampjuni jrid jaġħmilha possibbli li tinstab b'95 % li tista' torbot fuqha preżenza ta' 5 % ta' salmonella.

**3. Test mikrobijoloġiku għall-eżami ta' kampjuni**

Is-salmonella trid tkun iżolata skond il-metodu standard tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO 6579: 1993).

**4. Frekwenza ta' teħid ta' kampjuni**

Il-qatgħa għandu jittieħed kampjuni minnha f'perjodu ta' ġimagħtejn qabel jibdedw ibidu u minn hemm 'il quddiem mill-anqas darba kull 25 ġimgħa.

---

## ANNEX II

## ĊERTIFIKAT

għal kunsinna lejn il-Finlandja u l-Isvezja ta' ċerti tipi ta' bajd <sup>(1)</sup>

Numru ta' Riferenza .....

## I. Identifikazzjoni ta' kunsinna tal-bajd

Gradazzjoni ta' kwalità: .....

Kategorija ta' piż: .....

Numru ta' unitajiet jew pakketti: .....

Data sa kemm tibqa' tajba: .....

Piż nett: .....

Mezz ta' trasport: .....

## II. Oriġini tal-bajd

Stat Membru ta' oriġini: .....

Kunsinnatur (isem u indirizz sħiħ): .....

.....

.....

Indirizz(i) u Nru(i) ta' l-approvazzjoni taċ-ċentru(i) ta' l-ippakkjar: .....

.....

L-awtorità kompetenti: .....

## III. Destinazzjoni tal-bajd

Kunsinnatarju (isem u indirizz sħiħ): .....


.....

## IV. Attestazzjoni

Jiena, hawn taħt iffirmat, hawnhekk niċċertifika li l-bajd deskritt hawn fuq joriġina minn qatgħa ta' tiġieġ li jbidu li kienu suġġetti, b'riżultati negattivi, għad-disposizzjonijiet preskritti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/168/KE tat-8 ta' Mejju 1995 li tistabbilixxi, rigward is-salmonella, garanziji addizzjonali għal kunsinni lejn il-Finlandja u l-Isvezja ta' ċerti tipi ta' bajd maħsuba għall-konsum tal-bniedem.

Magħmul fi ....., .....

(post) (data)



.....

(firma ta' l-awtorità kompetenti <sup>(2)</sup>)

.....

(isem b'ittri kbar)

(1) Bajd tat-tiġieġ tal-grad A u B maħsuba għall-konsum dirett tal-bniedem (mhux maħsuba għall-produzzjoni ta' prodotti tal-bajd u mhux biex jitwasslu lill-impriżi tal-industrija tal-ikel approvati skond id-Direttiva 89/437/KEE).

(2) Il-firma u t-timbru jridu jkunu b'kulur differenti minn dak ta' l-istampar.